FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

17 TA' NOVEMBRU 2016

Il-Pulizija

(Spett Kevin Pulis)

vs

Cikku Farrugia u Grezzju Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni mahruga kontra l-imputati ta' karta ta' identita' 344745(m) u 0236656(m) rispettivament, akkuzati li:

1. nhar l-24 ta' Ottubru 2013, ghall-habta ta' 17.45hrs, gewwa ghalqa f'zona maghrufa bhala tal-Imsaqfa, limiti tal-Gudja, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Patrick Farrugia, skond kif iccertifikat minn Dr Marija Tabone MD 3609 mill-Isptar Mater Dei;
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kissru l-paci u l-ordni pubbliku b'ghajjat u glied;

Il-Qorti mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza, cioe' Patrick Farrugia jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna leza minn fatsidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputati, skond kif jipprovdi l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali biex tinstema il-kawza bi procedura sommarja mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat ix-xhieda;

Semghat lill-imputati jammettu l-akkuzi fuq liema insistew anka meta l-Qorti taghtom zmien jirrikonsidraw;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibhom u tiddikjarahom hatja.

Rat l-Artikolu 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi: Tillibera lill-imputati bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal tlett xhur mill-lum.

Spjegat lill-imputati r-responsabilta' taghhom skond is-sentenza.

A.M.Trigona

Magistrat